MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 953/2009

Ballut Blocks Services Limited (C8360)
vs
Gemxija Crown Limited (C36283)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' mija u erbgha u erbghin elf mitejn u tlieta u ghoxrin euro u tletin centezmu (€144,223.30) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' demolizzjoni, skavar, tqeghid ta' *concrete piles*, fornitura ta' materjal relatat mal-istess xogholijiet, kif ukoll prestazzjoni ta' xogholijiet u servizzi relatati ma' l-istess xogholijiet ta' appalt ilkoll prestati mis-socjeta` attrici bhala appaltatrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta appaltanti, liema ammont jinsab debitament konfermat fl-i*Statement*

anness mar-rikors guramentat (Dok. "BBS1") u c-certifikati annessi mar-rikors guramentat (Dok. "BBS2").

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-attrici personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` initmata li thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ mija u erbgha u erbghin elf mitejn u tlieta u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€144,223.30) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ demolizzjoni, skavar, tqeghid ta’ *concrete piles*, fornitura ta’ materjal relatat mal-istess xogholijiet, kif ukoll prestazzjoni ta’ xogholijiet u servizzi relatati mal-istess xogholijiet ta’ appalt ilkoll prestati mis-socjeta` rikorrenti bhala appaltatrici fuq inkarigu tas-socjeta` intimata appaltanti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta’ Sekwestru u ta’ Inibizzjoni prezentati kontestwalment mar-rikors guramentat, oltre l-imghaxijiet legali b’effett mit-30 ta’ Ottubru ta’ 2007 sal-jum ta’ l-effettiv pagament, kontra s-

socjeta` intimata rapprezentanti ta' liema hija giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Fis-16 ta' Novembru 2009 Dr. Cassar Pullicino ghas-socjeta` intimata irrefera ghal dokument a fol 5 tal-process (*Statement of account*) minn fejn jirrizulta li fit-22 ta' Ottubru 2007 kien ta' Lm97,261.42 u esebixxa fotokopja ta' ricevuta ghal Lm90,462, pagament tat-18 ta' Dicembru 2007 u li ghalhekk il-bilanc ma jaqbilx ma' dak elenkat fil-kolonna Credit ta' Lm45,231.15 u ghalhekk sostna li l-ammont reklamat kien wiehed eccessiv. Ghalhekk il-Qorti awtorizzat il-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

Illi t-talba attrici hija eccessiva kif ser jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Fil-15 ta' Dicembru 2009, a fol 24, Dr. Cassar Pullicino informa lill-Qorti li l-eccezzjoni a fol 21 hi konnessa ma' dak imsemmi fil-verbal a fol 19 (verbal tas-16 ta' Novembru 2009).

Xehed Paul Vella, Direttur fis-socjeta` rikorrenti, u ikkonferma li r-ricevuta li hemm a fol 20 tal-process hija kopja vera ta' l-original b'dan li nofs l-ammont li hemm fir-ricevuta fiskali huwa inkluz fit-talba taghhom. Qal li huma ghamlu ftehim mas-socjeta` intimata biex jaghmlu zvilupp fix-Xemxija ta' Lm1,140,000 fis-sens li kellhom jiehdu b'Lm470,000 Maltin *barter agreement* li kellhom jiehdu bini mhux mis-*site* in kwistjoni izda minn bini iehor. Qal ukoll li meta jibdew ix-xoghol kull certifikat li johrog il-perit kien ikollhom jaghtuhom nofsu mhallas bi flus u nofsu jinqata' mill-*barter*. Meta jithallas il-*barter* kollu d-differenza tibqa' tithallas fi flus. Dik kienet procedura ta' l-*accounts*. Semma li bil-ligi tal-VAT huma riedu jghaddu l-ammont kollu lill-VAT Department, ta' l-*invoice* shiha mhux tal-flus li jircievu biss, ghalhekk kienet harget ir-ricevuta shiha. Gemxija Crown biss kien hemm, ma kienx hemm terzi involuti fil-ftehim. Qal li fil-ftehim irrizulta li l-appartamenti l-ohra li kellhom jittiehdu, kellhom jittiehdu mill-Galaxy Development u fil-ftehim kien hemm ukoll imnizzel liema huma l-appartamenti. Ra kopja tal-ftehim u qal li l-*barter* ma tahulux lanqas u ma setax jghid ghaliex. Ipprezenta Dokument "PVX", ittra datata 15 ta' Mejju 2007 mibghuta minn Gemxija Crown Limited lis-socjeta` rikorrenti fuq l-Lm1,140,000.00.

F'xhieda ohra Paul Vella ikkonferma li ma kien sar l-ebda hlas fil-kors tal-kawza u ghalhekk l-ammont dovut ghadu l-istess.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi mill-provi prodotti irrizulta li d-debitu kien dovut. Is-socjeta` intimata ikkontendiet li l-ammont huwa eccessiv ghax kienu saru l-hlasijiet opportuni, izda ma ghamlet ebda provi dwar dan. Min-naha l-ohra, is-socjeta` rikorrenti ipproduciet lil Paul Vella li mid-depozizzjoni tieghu u bid-dokumenti li esebixxa ipprova li l-ammont imsemmi kien dovut lis-socjeta` Ballut Blocks Services Limited.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' l-intimata li l-ammont huwa eccessiv, tilqa' t-talba tar-rikorrenti u

tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €144,223.30.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------